*Konvenut:* Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: inizjalment M. Arsène u L. Camarena Januzec, aġenti, F.-M. Hislaire u M. Troncoso Ferrer, avukati, sussegwentement M. Pascua Mateo u L. Camarena Januzec, aġenti, F.-M. Hislaire u M. Troncoso Ferrer, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li jiġi rexiss il-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrenti u t-talba għal kumpens għad-dannu materjali u morali allegatament imġarrab.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tas-16 ta' Ottubru 2012 u tal-31 ta' Jannar 2013, li jiġi rexiss il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat ta' CU, huma annullati.*

2) *Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa kkundannat li jħallas lil CU s-somma ta' EUR 25 000.*

3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

4) *Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn CU.*

(1) ĠU C 207, 20.07.2013, p. 61.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-10 ta' Lulju 2014 – CW vs Il-Parlament**

**(Kawża F-48/13)** (1)

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rapport ta' evalwazzjoni — Evalwazzjonijiet u kummenti li jinsabu fir-rapport ta' evalwazzjoni — Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Użu ħażin ta' poter — Assenza)***

(2014/C 421/71)

*Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* CW (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Dean u S. Alves, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2011.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *CW għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Parlament Ewropew.*

(1) ĠU C 207, 20.07.2013, p. 63.